

Brussell, 21 ta' Novembru 2016  
(OR. en)

14662/16

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2016/0152 (COD)

---

---

MI 738  
TELECOM 244  
DIGIT 136  
CONSOM 287  
IND 249  
COMPET 604  
ENT 213  
POSTES 19  
JUSTCIV 304  
PI 138  
CODEC 1697

## NOTA

---

minn: Presidenza

lil: Kunsill

---

Nru. dok. preç.: 9611/16 MI 396 TELECOM 104 DIGIT 60 CONSOM 130 IND 116  
COMPET 339 ENT 102 POSTES 3 JUSTCIV 155 PI 64 CODEC 772 IA 31

---

Suġġett: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indirizzar **tal-imblukkar** ġeografiku u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-konsumaturi fi fñdan is-suq intern u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE  
- Approçç ġenerali

---

## I. INTRODUZZJONI

1. Fil-25 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u forom oħra ta' diskriminazzjoni abbażi tal-post tar-residenza jew tal-istabbiliment, jew in-nazzjonalità fis-Suq Uniku. L-abbozz ta' Regolament, li huwa bbażat fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat, ġie ppreżentat flimkien ma' proposti leġislattivi dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera<sup>1</sup> u reviżjoni tar-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumatur<sup>2</sup> bl-għan li jsir progress kemm fis-Suq Uniku Diġitali kif ukoll fl-istrateġiji għal Suq Uniku.

---

<sup>1</sup> Ara 9706/16.

<sup>2</sup> Ara 9565/16.

2. L-għan ewlieni tal-proposta huwa li jiġi żgurat li l-klijenti-konsumaturi u kumpanniji- li jippruvaw jixtru prodotti u servizzi fi Stat Membru ieħor, sew jekk bl-internet jew personalment (offline), ma jiġux iddiskriminati b'mod mhux ġustifikat f'termini ta' aċċess għal prezzijiet, kondizzjonijiet ta' bejgħ jew ta' pagament. Il-proposta tipprojbixxi wkoll l-imblukkar tal-aċċess għal siti web u interfaċċi online oħrajn min-negozzjanti u t-trasferiment (rerouting) tal-klijenti minn verżjoni ta' Stat Membru wieħed għal oħra.
3. Fl-10 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, li adotta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Ottubru 2016<sup>3</sup>.
4. Fil-Parlament Ewropew, din il-proposta ġiet riferuta lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) li, fis-17 ta' Ġunju 2016, ħatar lis-Sinjura Roża Graefin von Thun und Hohenstein (PPE/PL) bħala relatur. Il-Kumitat IMCO għadu ma vvutax fuq ir-rapport tiegħu.

## **II. ĦIDMA MWETTQA FI ĦDAN IL-KUNSILL**

5. L-eżami tal-proposta mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir beda f'Ġunju 2016 u minn dakinhar kompla bl-għan li jintlaħaq approċċ ġenerali fil-Kunsill COMPET fi tmiem Novembru 2016.
6. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni ġiet eżaminata matul l-ewwel laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma. B'mod partikolari ġew diskussi l-metodi, il-kriterji u l-għażliet identifikati mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet laqgħu l-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni, madankollu nġibdet l-attenzjoni għall-fatt li jkun mixtieqa data u evidenza aktar speċifiċi biex wieħed ikun jaf aħjar l-impatt tal-għażliet ta' politika differenti.
7. Hemm l-appoġġ ġenerali tal-Istati Membri għall-għanijiet tal-proposta, jiġifieri t-trawwim ta' Suq Uniku verament integrat permezz tal-projbizzjoni ta' Prattiki kummerċjali online u offline mhux ġustifikati li jiddiskriminaw kontra l-klijenti (konsumaturi u kumpanniji) abbażi tan-nazzjonalità tagħhom, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment u b'hekk jittejjeb il-kummerċ elettroniku transfruntier.

---

<sup>3</sup> Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (Relatur: is-Sur Joost van Iersel (NL/Grupp I)) - INT/797 tad-19/10/2016.

8. Matul in-negozjati fil-livell ta' Grupp ta' Ħidma, it-test evolva b'mod konsiderevoli fid-dawl tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet. B'mod partikolari ntlaħaq qbil li jiġi emendat it-titolu tar-Regolament biex ikopri l-imblukkar ġeografiku *mhux ġustifikat* biex jirrifletti l-fatt li d-diskriminazzjoni tista', f'ċerti każijiet, tkun iġġustifikata oġġettivament.

It-test tal-kompromess tal-Presidenza, kif jinsab fid-dokument 13744/16, ġie diskuss fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER) fit-18 ta' Novembru 2016. Minn dan l-eżami rriżulta li l-maġġoranza tad-delegazzjonijiet issa jistgħu jaċċettaw il-kompromess tal-Presidenza, u fi tmiem id-dibattitu l-President ikkonkluda li l-kompromess ser jiġi ppreżentat lill-Kunsill Kompetittività fit-28 ta' Novembru 2016, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil b'maġġoranza kwalifikata dwar approċċ ġenerali.

It-test ta' kompromess rivedut, kif inhu wara l-COREPER fit-18 ta' Novembru 2016, jinsab fid-dokument 14663/16.

### III. ELEMENTI PRINĊIPALI TAL-KOMPROMESS RIVEDUT TAL-PRESIDENZA

9. Abbażi tad-diskussjonijiet fil-COREPER, il-Presidenza tixtieq enfażizza l-Artikolu 1 (kamp ta' applikazzjoni u objettiv), l-Artikolu 4 (aċċess għall-prodotti u s-servizzi) u l-Artikolu 6 (bejgħ passiv) bħala l-elementi prinċipali tal-pakkett ta' kompromess tagħha:

**a) Kamp ta' applikazzjoni u objettiv (il-Premessi 5a, 7a, u l-Artikolu 1)**

Matul l-eżami tal-proposta deher ċar li d-dispożizzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għandhom ikunu fformulati b'mod ċar kemm jista' jkun sabiex jipprovdu ċertezza legali kemm lin-negozjanti kif ukoll lill-klijenti. Barra minn hekk ġie enfasizzat li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jeskludu kull ambigwiżità sabiex ikun faċli biex ikun hemm konformità magħhom u biex jiġu infurzati.

Il-proposta tirrigwarda għadd ta' biċċiet ta' leġislazzjoni tal-Unjoni li huma applikabbli għall-bejgħ transfruntier, b'mod partikolari d-dritt tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni gudiżzarja f' materji ċivili regolata mir-Regolamenti Ruma I u Brussell I. F'dan ir-rigward, il-kompromess jispeċifika li s-sempliċi konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament m'għandhiex titqies bħala li l-attivitajiet tan-negozjant qed jiġu diretti lejn l-Istat Membru fejn il-konsumatur għandu r-residenza abitwali jew id-domiċilju.

Ġie wkoll iċċarat li dan ir-Regolament ma japplikax għal sitwazzjonijiet purament interni, fejn l-elementi rilevanti kollha tat-transazzjoni huma limitati għal Stat Membru wieħed. Barra minn hekk, il-kompromess tal-Presidenza jkopri wkoll il-bejgħ ta' pakketti ta' servizzi.

**b) Aċċess għall-prodotti jew servizzi (il-Premessi 19, 29 u l-Artikolu 4)**

Skont il-prinċipju li l-klijenti barranin għandu jkollhom aċċess għall-istess termini u kondizzjonijiet bħal klijenti lokali, it-test fl-Artikolu 4 jidentifika tliet sitwazzjonijiet kummerċjali speċifiċi li fihom in-negozjant m'għandux jiddiskrimina bejn il-klijenti fir-rigward tat-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali – inklużi l-prezzijiet – li joffru għall-bejgħ ta' prodotti jew servizzi. Il-kompromess tal-Presidenza jispeċifika li xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti f'forma intanġibbli, bħal kotba f'forma elettronika jew mużika online huma esklużi mill-obbligu ta' bejgħ.

**c) Bejgħ passiv (il-Premessa 26 u l-Artikolu 6)**

Il-kompromess tal-Presidenza għandu l-għan li jiċċara r-relazzjoni bejn il-proposta dwar l-imblukkar ġeografiku u d-dritt tal-Unjoni marbut mal-kompetizzjoni. Il-punt tat-tluq, biex tingħata ċertezza legali, huwa objettiv kondiviż mid-delegazzjonijiet kollha. Il-kompromess huwa bbażat fuq l-approċċ tal-Kummissjoni li l-ftehimiet dwar bejgħ passiv (jiġifieri bejgħ fejn in-negozjant ma jissoleċitax attivament il-kummerċ mal-klijent) li mhumiex konformi mal-Artikolu 101 TFUE u mar-Regolament (UE) Nru 330/2010, jiksru d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-imblukkar ġeografiku u għaldaqstant għandhom ikunu nulli u bla effett. Madankollu, il-kompromess tal-Presidenza jipprevedi l-possibbiltà li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-imblukkar ġeografiku m'għandhomx ikunu applikabbli meta ftehim li jillimita l-bejgħ passiv ikun konformi mal-Artikolu 101 TFUE u mar-Regolament (UE) Nru 330/2010.

#### IV. KONKLUŻJONI

11. Il-Presidenza tqis li t-test kif stipulat fid-dokument 14663/16 jirrappreżenta kompromess ibbilanċjat bejn il-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet. Il-Kunsill huwa mistieden jilħaq approċċ ġenerali abbażi ta' dan fil-Kunsill Kompetittività tat-28 ta' Novembru 2016.
-